**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**

**-vs-**

**Malcolm Brian Mercieca, detentur tal-karta tal-identita` numru 279285M**

***Kump. Nru. 465/2017***

Illum 12 ta' Dicembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Malcolm Brian Mercieca u cioe` talli:

> F' dawn il-Gzejjer, nhar is-7 t'Awissu, 2017, gewwa Mount Carmel Hospital, Attard, u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:
>
> 1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Jonathan Attard f'periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jonathan Attard hekk kif gie ccertifikat minn Dr. F. Curmi M.D. Reg. 5965, liema offiza iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem u/jew sfregji gravi u permanenti f'wicc l-offiz;
>
> 2. Irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra, mnaqqsa jew mibdula u dan ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tallum, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, in-natura tar-reati li jinsab akkuzati bihom l-imputat, il-fatt li l-parte leza hafer lill-imputat filwaqt li spjega li d-dizgwid kien precipatat minn fatturi indipendenti mill-imputat, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz. Tqis anke li minhabba d-dipendenza tieghu fuq id-droga jinhtieg li jkompli jiehu l-kura mehtiega. Ghalhekk piena karcerarja f'dan il-kaz certament mhix wahda idoneja.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 49, 50, 214 u 216 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin, dan bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment li jifformaw parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment a tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga inkluz dik psikologika jekk hekk mehtieg.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni jew jekk jikser l-ordni ta' trattament fuqu impost.

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**